**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Lulju, 2021**

**Talba Nru: 81//2021PM1**

**John Barbara (KI 120362(M))**

**Vs**

**Florentina Cabansay (KI 165026(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil- 4 ta' Marzu, 2021 permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-istess attur is-somma ta' elf u mitt euro (€1100) rapprezentanti self skont ftehim iffirmat fis-sitta u ghoxrin (26) t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 t'Ottubru, 2020 (nru. 1928/2020) u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data illi fih tali tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuta.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz senjatament il-kuntratt datat 26 t'Ottubru, 2019 u ricevuti ta' hlas.

Ra li l-konvenuta giet ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tat-8 ta' Lulju, 2021 u lanqas ghas-seduta tal-lum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-8 ta' Lulju, 2021 u fil-fatt il-konvenuta ma deheritx sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-istess attur is-somma ta' elf u mitt euro (€1,100) rapprezentanti self skont ftehim iffirmat fis-sitta u ghoxrin (26) t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 t'Ottubru, 2020 (nru. 1928/2020) u bl-imghax fuq l-ammont dovut mis-17 ta' Gunju, 2021 data illi fiha l-konvenuta giet notifikata bil-kawza kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**